MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2013

Numru 445/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**
**vs**
**Sandra Sammut**

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata ta’ karta ta’ identita’ numru 171471 (M) akkuzata talli:

Fl-20 ta; Frar 2011 ghall-habta ta’ 17:45hrs gewwa dawn il-Gzejjer, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, kkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Anthony Sacco, jew igibilha disordni f’mohha, liema hsara tista’ ggib perikolu ta’ debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi part ital-gisem jew difett permanenti f’parti ta’ l-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanent ital-mohh, jew ggib mankament j ew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn ta’ l-offiz u dan skond ma ccertifika

Dr Chris Muscat MD (Reg 1493) mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Anthony Sacco u tapplika l-provvedimenti ta' Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-kwerelanti jixhed;

Stante li id-deposizzjoni tieghu jirrizulta bil-wisq car illi l-allegta ferita gravi riporata mill-imputat fil-gurnata specifikata fl-akkuza tirrizulta fil-fatt u skond il-ligi bhala wahda hafifa.

Stante ir-rinunzja tieghu ghal kull azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputata, tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza billi tiddikjara procediment esawrit.

A.M.Trigona
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------